C/2024/1604

15.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11455 – LGP / HG / IRIS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1604)

1. Fis-8 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Leonard Green & Partners ("LGP", l-Istati Uniti),

— Hg Capital ("Hg", ir-Renju Unit),

— Perennial Newco 2 Ltd ("IRIS", ir-Renju Unit), li bħalissa hija kkontrollata minn Hg.

LGP u Hg se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' IRIS.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— LGP hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata li primarjament tiffoka fuq l-investiment f'kumpaniji li jipprovdu servizzi, inklużi servizzi tal-konsumatur, tan-negozju u tal-kura tas-saħħa, kif ukoll il-bejgħ bl-imnut, id-distribuzzjoni, kif ukoll l-industrijali,

— Hg hija investitur f'negozji tas-software u tas-servizzi, li tiffoka fuq l-Ewropa u l-Istati Uniti u għandha uffiċċji tal-investiment f'Londra, Munich, Pariġi, New York u San Francisco,

— IRIS hija fornitur ta' software u servizzi tan-negozji lil ditti tal-kontabbiltà u SMEs, primarjament fir-Renju Unit u l-Istati Uniti. Is-soluzzjonijiet ta' software ta' IRIS jiffokaw fuq tliet setturi: il-kontabbiltà, il-Payroll u l-HR, l-Edukazzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [2], jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.11455 – LGP / HG / IRIS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika jew bil-posta normali. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË